MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 13/2012

**Spinola Development Company Limited [C-331]**

**vs**

**Lubomir SILHAVY [Passaport Czech bin-numru 33052790]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-13 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' elfejn u sittax-il euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€2,016.59] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Hlas fl-ammont komplessiv ta' elfejn u sittax-il euro u disgha u hamsin cent (€2,016.59) kwantu ghas-somma komplessiva ta' elf, erba' mija u sebghin euro u tlieta u sittin cent (€1,470.63) rapprezentanti l-prezz ta' common costs u service charge relattivi ghall-fond ossia apartament bin-numru 1721 fi hdan il-Portomaso

Complex, Portomaso, San Giljan u dana skond kif jirrizulta mill-anness prospett mmarkat bhala dokument “A”, kwantu ghas-somma komplessiva ta’ erba’ mija u wiehed u ebghin euro u sebghin cent (€441.70) rapprezentanti l-prezz ta’ dawl u ilma dovut ghar-rigward tal-imsemmi fond ossia apartament bin-numru 1721 fi hdan il-precitat Portomaso Complex u dana skond kif jirrizulta mill-anness prospett mmarkat bhala dokument B u kwantu ghas-somma ta’ mija u erba’ euro u sitta u ghoxrin cent (€104.26) rapprezentanti l-prezz ta’ common costs u service charge relattivi ghall-garage parking space bin-numru 2199 li jinsab fil-garage complex sottostanti u formanti parti mill-Portomaso Complex, Portomaso, San Giljanliema somma komplessiva tirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala dok. “C”.

Is-socjeta attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena b’effett mid-data ta’ kull fattura fuq imsemmija indikata fuq l-annessi prospetti mmarkati bhala dokumenti “A”, “B” u “C” sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingjunt sabiex jidher ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-21 ta’ Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-21 ta’ Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma

ta' elfejn u sittax-il euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€2,016.59], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------